# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 5 ta' Marzu, 2025

Avviz tat-Talba numru:: 288/2022 CL

**Graziella Spiteri (KI nru: 159786M)**

**vs**

**Vanessa Usher (KI nru: 416985M)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2022 fejn l-attrici fethet proceduri fil-konfront tal-konvenuta, wara li l-attrici kienet soffriet danni ikkawzati mill-konveunta kagun ta' laser treatment li sar fuqha fit-3 ta' Gunju 2021 fejn kellha thallas spejjez sabiex tirrimedja l-hsara fl-ammont ta' elf u disgha u ghoxrin euro u wiehed u disghin centezmu (€1,029.91) u spejjez extra gudizjarji inkorsi. Bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-ftuh tal-proceduri sal-hlas effettiv u spejjez tal-kawza odjerna inkluz il-mandat tas-sekwestru. Il-konvenuta giet interpellata u baqghet inadempjenti.

Ra r-risposta li giet pprezentata mill-konvenuta fil-11 ta' Novembru 2022, fejn primarjament cahdet l-allegazzjonijiet ghax hija agixxiet bhala bonus pater familias, fuq l-istruzzjonijiet tal-attrici stess u skond il-ftehiem bejn il-partiijiet. Id-danni allegati ma jirizultawx. Hija l-attrici li jehtigilha tipprova l-elelmenti kollha tal-azzjoni mresqa minnha, liema talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Ra l-affidavit ta' Dr. Paul Mazzola li spjega illi l-attrici bdiet thoss hruq waqt procedura ta' laser u innotat li t-tattoo taghha iccarat u li kellha blisters. Kif ezaminha, innota li kien hemm demm kif jidher fir-ritratt a foll. 12 u fil-fatt kien taha antibiotics u painkillers u kellu jerga' jarha u jbidlilha l-dressing. L-ispejjez ghal vizti ammontaw ghal €120. Kien irreferiha ghal

dermatologist. Fil-kontro ezami ikkonferma illi hu kien qieghed joqghod fuq dak li qaltlu l-pazjenta tieghu dwar il-laser u l-ugiegh izda hu kien itrattha mill-mod farmatologika u kirurgikament u trattament antibiotiku. Hu kien riferija ghand dermatologista.Is-sintomi ma kienux konsistenti mat-tattoo ghax it-tattoo kien sar qabel ma marret ghal laser. Ikkonferma li laser tista' tafettwa tattoo fil-vicin anki jekk ma tghaddix direttament fuqha u tafetwa inka sewda aktar milli kulur aktar car.Meta laser jigi immirat f'direzzjoni jista' jaffetwa xi ftit millimteri fil-vicinanza.

Xehdet Emma Grech li ipprezentat zewg dokumenti li huma fatturi li inhargu minn Naudi and Associates ghal-ispejjez tal-attrici, wahda datata 13 ta' Mejju 2022 u ohra 1 ta' Awissu 2022 immarkati EG1 u EG2 fl-ammont ta' €354 u €118. L-affidavit ta' Graziella Spiteri fejn iddikjarat illi fit-3 ta' Gunju 2021 kellha appuntament ghal laser hair removal li sar minn Vanessa Usher gewwa Zebbug li sar fuq saqajha fost postijiet ohra. Qabel ma beda it-trattament iddiskutew it-tattoos minhabba fil-laser peress illi kellha wahda fuq darha u ohra fuq saqajha x-xellugija. Issugerit li ma kellhiex ghalfejn tghattihom u tasal biss sal-pexxun u hi qablet ghax qatt ma kienet ghamlet laser mindu ghamlet it-tattoo. Waqt li kienet ghadejja bil-procedura kollox kien ghaddej sew sakemm hi hasset weggha kbira fin-naha t'isfel ta' sieqha x-xellugija u gholliet minn fuq il-couch. Qaltilha ha nerga' nipprova u kif ezatt regghet ghamlitha regget tatha weggha ohra kbira. Qaltilha ha nnaqqas s-setting tal-laser u kompliet b'xogholha. Hi saqsitha jekk setghetx laqghtet it-tattoo ghax bdiet thossha tugghaha u mill-ewwel qaltilha li ma kienx possibbli u qaltilha li setgha kien li l-laser mar fuq parti fejn ma kienx hemm gel. X'hin lestit bdiet thoss il-parti fejn kellha t-tattoo tahraqha izda Vanessa baqghet tghidilha li kien minhabba li ma kienx hemm gel. Meta waslet id-dar kompliet tahraqha u bil-kemm setghet toqghod fuq genbha fis-sodda u baqghet tugghaha sal-ghada filghodu u kienet intefhet u giet ratba u dehret li l-kulur tat-tattoo ma kienx ghadu iswed.Sa jumejn wara kienet telghet buzzieqa li infaqghet u giet bid-demm u marret ghand Dr. Paul Mazzola li ghattieha halli ma tinfettax ruhha biex jara kif se tevolvi. Reghhet marret jumejn wara qalilha li kien ser jaghmlilha procedura biex jnehhilha l-linka biex jevitaw li l-gilda titla' bil-linka go fiha u tikkawza aktar problemi. Ma setghetx timxi sew u it-tabib kien qalilha biex ma xxarabhiex ghat-tlett xhur tas-sajf. Ghal-ewwel tlett gimghatejn kienet tmur ghand it-tabib kull tlett ijiem li kien jbiddel id-dressing u jsegwi il-progress kull gimgha ghal tlett xhur. Kellha ukoll tikkonsulta ma Dermatologista Dr. Eileen Borg. Hi kienet bghatet messagg u ritratti bil-whatsapp lil Vanessa Usher izda baqghet tghid li ma kienx tort taghha jew minhabba l-laser, izda kien rizultat ta' gidma ta' insett jew ghax kienet fix-xemx. Hi ipprezenat numru ta' ritratti,(Dol 1 sa Dok Dok 3V) u ircevuti tal-ispejjez totali ta' €1,029.91 (Dok 4 sa Dok 8) li jinkludu 137 laser treatment, 120 Dr. Paul Mazzola, 80 Dr. Eileen Borg, 20.91 medicini u trattament, 200 l-prezz ta' tattoo biex titghatta l-hsara, u 472 drittijet legali (Dok EG1 u

EG2). Fil-kontro ezami tghid illi ma kinitx l-ewwel darba li marret f'din is-salon ghax kienet tmur ghand Nicola izda minhabba ragui ta' sahha Nicola bdiet tnaqqas u kienet l-ewwel darba li qdietha l-konvenuta ghal-laser, ghalkemm gieli ghamlitilha affarijet ohra bhal eyebrow threading. Il-laser kellu jsir sal-pexxun u ma tghaddix minn fuq it-tattoo. Hi ma setghetx tara fejn kienet qieghda taghmel ezatt ghax kienet minduda ghal-tulha la genbha u Vanessa kienet qieghda tahdem fuq in-naha t'isfel ta' saqajha izda ma setghetx tghid ezatt fejn waqfet jew ghaddiet. Ir-rejazzjoni taghha kienet immedjata wara li kienet ghollietha ghax anke hi inhasdet u bidlet is-settings tal-laser u baxxietlu. Saqsietha jekk seta' kien li l-laser wasal sat-tattoo u hi baqghet tghidilha li ma setax jkun ghalkemm hi bdiet thossha tugghaha. Saqsietha jekk riditx tghattieha u hi halliet f'idejha ghax qaltilha ma kinitx ser tghaddi minn fuqha. Hl kienet kelmet lil Vanessa xi gimgha u nofs wara bil-whatsapp u wegbitha li ma setax jkun li kien mill-laser iza forsi gidimha xi insett jew haditha x-xemx. Il-linka tal-bordura infirxet ukoll. It-tabib qalilha biex tirringrazzja l-Alla li ma inharqitx kollha.Hi ma setghetx tghid ezatt fejn f'saqajha kienet hasset il-weggha l-kbira li ghollietha izda zgur li t-tattoo bdiet tugghaha mill-ewwel u kif marret id-dar it-tattoo giet bajda. Vanessa bidlet is-setting u b'hekk kompliet ghax ma regghetx harqitha. B'referenza ghal-ircevuti ta' Dr. Eileen Borg li ghandhom l-istess data hi tghid li meta marret l-ewwel darba insiet titlobha ircevuta u meta regghet marret talbitha l-ircevuta tad-darba ta' qabel u hargitha bid-data ta' dakinhar u hi kienet marret ghandha xi tlett darbiet. Hi kienet ser taghmel il-diamond biex tghatti l-harqa u biex tkompli izzid kulur biex tibblendja li kien ser jiswa €250.Ikkonfermat li ghal-laser kollu hi halser €137 u jista' jkun li laser ghal saqajn kien fil-fatt €49.

Ra l-affidavit ta' Vanessa Usher fejn spjegat illi hi bdiet tahdem ma' Nicole Baldacchino u maz-zmien bdiet taghmel xi trattamenti lil Graziella Spiteri, bhal threading u facials u fit-3 ta' Gunju 2021 ghamlitilha laser treatment ta' full body u eyebrow shaping. L-ewwel li jsir hu li l-parti tal-gisem fejn jkun ser ssir il-laser jindilek bil-gel biex il-klijenta ma thossx hruq u tibda t-trattament bil-magna. Huma kienu ftehmu li fuq is-sieq tax-xellug it-trattament kellu jieqaf sal-pexxul (half leg) minhabba fit-tattoo. Hi kienet ser tghatti t-tattoo izda l-attrici qaltilha li ma kienx hemm ghalfejn u ghalkemm regghet qaltilha biex tghatihielha, Graziella insistiet biex thaffef biex tlestiha ghax qisha kienet mghaggla. X'hin kienet qieghda taghmel il-laser fuq il-pexxul tax-xellug hija ingibdet u ghamlet idejha fuq il-pexxul li tigri meta tkun ingibdet xi pil. Din ma setghetx grat ghax laqghtet it-tpingija bil-laser ghax m'ghaddietx minn fuqha jew vicin taghha u ma semmietx li kellha xi ugiegh fejn kellha t-tattoo. Kieku hasset li iddeskrivit fl-affidavit hija kienet tieqaf. Hi setghet tara x'kienet qieghda taghmel ghax kienet qieghda titkellem maghha u l-*couch* kien milwi l fuq.L-ewwel li semghet bil-problema kienet wara li ghamlet kuntatt maghha biex tara rieditx taghmel booking ohra.Meta qaltilha fiq it-tattoo

hi inhasdet u stednitha tmur il-hanut, izda irrifjutat. Tkelmet ma min kien harrigha fil-kors tal-laser li qalulha li ma setghetx tolqotha mill-half leg apparti li l-bordura tat-tattoo ma ntlahqitx, biex intlahqet il-bicca ta' gewwa.Kieku laqghtet it-tattoo ma kinitx tissaporti l-ugigh u t-tattoo kienet ticcara mill-ewwel. Il-laset jolqot biss fejn jkun applikat. Il-prezz tal-laser fl-ammont ta' €137 kien ghas-servizzi kollha ta' dakinhar filwaqt illi l-laser tas-saqajn kien ta' €49. Hi kellha hafna klijenti bil-tattoos u qatt ma kellha problemi. Hi ma semghet xejn aktar sakemm kienet irceviet ittra minghand l-avukat tal-attrici. Fil-kontro ezami tghid illi meta hi kienet bghatet messagg privat lil Graziella biex tibbbukjalha appuntament iehor, li ma giex ezebit, dan ma kienx bil whatsapp u Graziella kienet wegbitha bil-whatsapp, li gew ipprezetnati permezz ta' nota.[1] Mistoqsija kif fil-messaggi taghmel referenza aktar minn darba ghal fatt illi waqt it-trattament Graziella qabzet u qalet ahhh u fl-affidavit tghid illi fl-ebda hin ma gergret minn xi hruq jew ugiegh, hi wiegbet li huwa normali li jicaqalqu l-klijenti, jista' jkun ingibdet xi sufa jew li ma kellhiex gel. Fil-fatt m'ghamlitilhiex gel mill-pexxul l-isfel u minghajr gel il-magna ma timxix. Hi qaltilha jekk ma marritx bahar jew gidmitha insett ghax ma tistax tmur fix-xemx jew il-bahar wara laser ghax tkun delikata. X'hin kienet lesta mill-laser qaltliha tinsiex biex taghmilli threading, persuna migugha mhux ser jibqa' hemm ghal aktar servizz. Tghid illi kieku laqtitha bil-magna dak il-hin kienet twaqqafha ghax kienet tkun migugha hafna, hruq li ma tissaportihx.Hi hadmitilha sal-irkoppa u t-tattoo kien hdejn l-ghaksa u qaltilha ahhh x'hin kienet hdejn l-irkoppa u baxxiet il-magna u applikatilha aktar gel u kompliet bil-laser.

Ra l-affidavit ta' Dr Eileen Borg li ikkonfermat li kienet rat lil Graziella Spiteri wara li kienet giet sgwitha mit-tabib taghha f'numru ta' okkazzjonijiet fejn halset €80 skond l-ircevuti annessi. Fl-14 ta' Frar 2022 ghamlitilha ricetta ghal-ingwent Dok A u fil-21 ta' Marzu 2022 ghamlitilha certifikat illi wara li kellha laser treatment spiccat b'ferita f'saqajha ix-xellugija Dok B. Fil-kontro ezami hi ikkonfermat li l-iscar li kellha l-attrici setghet kienet konsostenti mar-rejazzjoni tal-gilda ghal tattoo innifsu jew ma infezzjoni. Meta laser ssir vicin il-tattoo idejalment tghatti t-tattoo biex jekk tkun vicin t-tattoo ma tolqothiex ghax il-linka tista' tasorbi s-shana. Il-laser timmira lejn il-hair follicle izda hemm beauticians li jitargetjaw aktar minn hair follicle wahda u din il-firxa normalment tkun ta' xi nofs centimetru.

Affidavit ta' Dr. Deborah Mercieca li espremiet opinjoni taghha bhala tabiba fil-linja ta' aesthetics li ilha tahdem f'dan il-qasam ghal tnax-il sena. Il-laser huwa forma ta' energija li jigi asorbit mix-xaghar u jahraq il-basla u l-effett hu limitat ghal bejn 4 u 5 mm. Tattoo ma jistax jigi effetwat minn dan it-trattament meta jkun aktar minn 3 mm lil hin mill-tattoo.

[1] Foll 77 sa 81

**Ikkunsidra;**

It-Tribunal sema' x-xhieda u ra d-dokumenti, jirrizulta illi Il-attrici kienet hadet s-serviz ta'*laser hair removal* u waqt li kienet qieghda tiehu dan is-servizz haset ugiegh tant illi qabzet. Kif il-konvenuta kompliet bil-laser haset ugiegh iehor u l-konvenuta bidlet is-setting tal-magna u t-trattament kompla. Qabel ma beda l-laset treatment l-attrici kienet gibdet l-attenzjoni lil terapista li kellha tattoo u ftehmu li kienet ser taghmel il-laser sal-pexxul u li ma kienx hemm bzonn li tghatti t-tpingija. Mal-lejl l-attrici hasset ugiegh u hruq f'saqajha fejn kellha t-tattoo u rat illi kienet iccarat u l-ghada kellha blister. Peress illi kien hemm long weekend l-attrici marret ghand it-tabib xi tlett ijiem wara li beda jikkura fuq perjodu ta' tlett xhur u qalilha biex ma xxarabhiex. Irriferiha lil dermatologista li ukoll spjegat illi kellha ferita f'saqajha li seta' kien ikkagunat minn laser. Il-konvenuta min-naha taghha cahdet illi setghet ghaddiet il-magna vicin tat-tattoo ghax hi kienet waslet sal pexxul u l-laser tippenitra fiz-zona fejn tkun sa 4-5mm, haga li giet ikkonfermata ukoll minn Dr. Deborah Mercieca. L-attrici ma kinitx kemitha qabel xi gimghatejn u mill-ewwel cahdet li seta' kien minhabba fil-laser, izda qaltilha li setghet kienet xi relazzjoni tax-xemx jew xi gidma tal-insett. Skond il-konvenuta kienet l-attrici li insistit li ma kellhiex ghalfejn tghatti t-tattoo. It-Tribunal jinnota li l-istima ta' €200 ghal tattoo ma gietx ikkonfermata bil-gurament, jinnota ukoll illi l-ircevuta ta' €30 datata 14 ta' Frar 2020 ta' €30 giet ipprezentata darbtejn u li l-laser ta' saqajn kien jiswa €49 u mhux €137, differenza ta' €88 u ghalhekk mhux ser tiehu konjissjoni ta' dawn l-ammonti mitluba. Ghalkemm huwa minnu li l-ispejjes tal-kawza huma limitati ghax-taxxa uficjali izda m'hemmx dubju li biex kawza tispicca quddiem it-Tribunal jkun sar numru ta' appuntamenti mal-avukat u xoghol professjonali u la darba dawn gew ikkonfermati bil-gurament it-Tribunal jaezq ghalfejn m'ghandhomx jigu ikkonsidrati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici limitament ghal seba' mija u hdax-il euro u wiehed u disghin centezmu ( €711.91)[2] u jikkundana lill konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €711.91 bl-imghax mid-data tal-kawza odjerna, sad-data tal-hlas shih u effettiv. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu ¼ mill-attrici u ¾ mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[2] 1029.91-30-200-88=711.91